# Il-Festa ta' Santu Kruċ u l-Qima lejn is-Salib Imqaddes fl-Isla



*Vexilla regis prodiunt, fulgent crucis mysterium* ... Is-sinjal tas-sultan riesaq lejna, jidda b'dawl misterjuż is-salib. Hekk tkanta l-Knisja fil-Liturgija tal-Ġimgħa Mqaddsa u fil-Festa tas-Salib Imqaddes. Iva! Is-Salib huwa dawl li ma jiftehimx u xhieda tal-imħabba ta' Alla lejn l-umanità.

## Is-Salib: minn simbolu ta' għajb għal sinjal ta' Fidwa

Iżda mhux minn dejjem hekk kien. Bla dubju ta' xejn, is-salib ta' żmien Kristu kien għelm ta' għajb u sinjal ta' stmerrija. Daqskemm il-forka kienet rappreżentazzjoni li tmeżmeż, hekk kien is-salib. Min jaf kemm iddendlu miegħu nies ta' qattagħni, kriminali, qattiela u oħrajn tal-istess pezza. Imma żgur li kien hemm drabi li fuqu mietu wkoll persuni innoċenti. Persuni li kienu bla ħtija. Huwa fatt magħruf li l-aktar wieħed innoċenti li qatt miet fuq is-salib kien Ġesù Kristu, l-Iben uniku ta' Alla l-Missier li sar bniedem wieħed bħalna biex jikseb għalina s-salvazzjoni.

Hekk is-salib ma baqax iktar simbolu tal-mistħija, imma sar is-sinjal tal-Fidwa tagħna. Sar "l-Artal għani" u mbierek li fuqu Kristu Ġesù "ċekken lilu nnifsu, billi obda sal-mewt." *(Fil. 2, 8)* U San Pawl ikompli jikteb: "Kristu ma bagħatnix biex ngħammed iżda biex inxandar l-Evanġelju, mhux bi kliem il-għerf sabiex ma jiġix fix-xejn is-salib ta' Kristu" *(1 Kor. 1,17)*; Kristu "ħassar il-kont tad-dejn li kellna bl-obbligu li kien hemm kontrina; neħħieh min-nofs u sammru mas-salib" *(2 Kol. 2, 14)*; "Ngħid għalija, ma jkun qatt li niftaħar jekk mhux bis-salib ta' Sidna Ġesù Kristu, li bih id-dinja hi msallba għalija u jien għad-dinja." *(Gal. 6,14)*

Jidher ċar li għal San Pawl, is-Salib ta' Kristu ma kienx biss il-memorjal imprezzabbli tat-tbatija u l-mewt ta' Kristu, imma wkoll l-għelm intimament imwaħħad mas-sagrifiċċju tiegħu u l-misteru tal-Passjoni.

## Is-Salib: kult mifrux

Kien għalhekk naturali li s-Salib jiġi vvenerat u jsir oġġett ta' kult għall-Insara li ġew mifdija permezz tiegħu. Il-kult lejn is-Salib xtered wisq aktar wara l-iskoperta tal-postijiet qaddisa u s-sejba mirakoluża tas-Salib veru fis-sena 326 mill-Imperatriċi Elena, omm Kostantinu, waqt li kienet qed twettaq pellegrinaġġ f' Ġerusalemm. Sa minn dak iż-żmien, l-osservanza tal-Festa tas-Sejba tas-Salib Imqaddes bdiet tiġi ċċelebrata kull sena nhar it-3 ta' Mejju. Aktar tard, fl-14 ta' Settembru bdiet tiġi ċċelebrata il-Festa tal-Eżaltazzjoni tas-Salib Imqaddes b'tifkira ta' meta fis-sena 629, l-Imperatur Ruman Herakliju waqqaf is-Salib f'Ġerusalemm wara li kien twarrab mill-Persjani.

Bħall-Insara l-oħra, l-Maltin sa mill-qedem kellhom imħabba speċjali lejn is-Salib

Imqaddes. Il-qima lejn is-Salib kienet popolari ħafna fostna l-iktar fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann. Xhieda ta' dan huma l-bosta relikwiji marbuta mal-Passjoni li nsibu fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann. Għall-missirijietna, Jum is-Salib, it-3 ta' Mejju, kien jum għażiż. Kienet ġurnata ta' preċett u f' ħafna parroċċi kienet issir purċissjoni bir-relikwa tas-Salib.

Id-devozzjoni lejn is-Salib kienet popolari ħafna fil-Kottonera, tant li fit-tliet ibliet kienet issir festa speċjali nhar it-3 ta' Mejju.

## Is-Salib: ivvenerat fl-Isla

Fil-Parroċċa tal-Isla, fis-sena 1615 twaqqfet Fratellanza b'għanijiet umanitarji u soċjali, li ġiet iddedikata lill-Madonna tal-Karità. Maż-żmien, din il-Fratellanza tgħabbiet bil-piż tat-tixrid tad-devozzjoni lejn il-misteru tal-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù Kristu. Waqt li għal ħafna snin, il-kwadru titular tal-artal li din il-Fratellanza kellha fil-Knisja Parrokkjali kien juri l-waqt meta l-ġisem mejjet ta' Kristu kien qed jitniżżel mis-Salib u jitqiegħed f'ħoġor ommu Marija, fis-sena 1710 sar pass kbir u mportanti. Sa minn dik is-sena, l-Fratellanza tal-Karità ma baqgħetx tiċċelebra bħala titular il-Festa tal-Madonna tas-Silġ, iżda minflok, bdiet tfakkar b'solennità l-Festa tas-Sejba tas-Salib Imqaddes, nhar it-3 ta' Mejju. Imma l-aqwa ħidma ta' din il-Fratellanza f'dan ir-rigward kienet bla dubju l-organizazzjoni tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira li fl-Isla ilha ssir sa minn qabel s-sena 1714.

Fit-18 ta' Settembru 1715, fil-Kappella tal-Madonna tal-Karità twaqqfet il-Fratellanza tal-Kurċifiss. Din, mill-ewwel, tgħabbiet bl-obbligi li kellha dik tal-Karità li issa ma kienx baqgħalha ħlief l-isem. Biex tkabbar id-devozzjoni lejn il-Passjoni u l-Mewt tal-Mulej Ġesù sa mill-bidu tat-twaqqif tagħha, il-Fratellanza indaħlet għall-organizazzjoni tal-purċissjoni tal-ĠimgĦa l-Kbira. Fl-istess ħin kienet ukoll tagħmel festi dinjitużi f'ġieħ is-Salib Imqaddes fit-3 ta' Mejju ta' kull sena.



Din il-festa li kienet il-festa ewlenija tal-Fratellanza tal-Kurċifiss kienet tiġi ċċelebrata bil-kant tal-ewwel Għasar, Quddiesa kantata, it-tieni Għasar, paniġierku u purċissjoni. Għal żmien twil, dawn iċ-ċelebrazzjonijiet kienu jsiru bil-mużika bl-orkestra bħal fil-festa titulari. Waqt il-purċissjoni, iċ-ċelebrant kien iżomm ir-relikwija antika u l-aktar għażiża ta' laqxa żgħira mis-Salib Imqaddes, il-*Vero Lignum,* li b'sinjal ta' qima kienet tinġarr taħt baldakkin ta' lewn aħmar li reġa' sar mill-ġdid fis-sena 1856. Għal din il-festa, il-knisja kienet tkun imżejna b'tapizzerija tal-ħarir, u l-artali kollha kienu jintramaw b'settijiet ta' gandlieri u ventartali proprjetà tal-Fratellanza tal-Kurċifiss.

Il-vara tas-Salib, jew kif kienet magħrufa, ta' Santu Kruċ, saret ukoll mill-ġdid fis-sena 1910 fi żmien li Giacinto Demajo



kien prokuratur. L-anġli huma xogħol ta' Ġużeppi Cilia minn Ħal Qormi, alliev ta' Karlu Darmanin, is-Salib sar minn Vincenzo Camilleri, il-pedestall ġie adattat minn dak li kien hemm qabel minn Ġużeppi Scerri u l-induratura saret mill-aħwa Farrugia. Naturalment, qabel din il-vara kien hemm oħra. L-anġli ta' din il-vara aktar antika, u li huma xogħol tal-istatwarju Senglean Aristide Bonnici (1851-1888), jinsabu fis-sagristija tal-Oratorju tal-Kurċifiss,

Il-purċissjoni b'din l-istatwa kienet issir fit-3 ta' Mejju. Imma biż-żmien bdiet tinħass il-problema li l-fratelli ma tantx setgħu jattendu u jieħdu sehem għaliex dak il-jum kien jum ta' xogħol. Ghalhekk, mis-sena 1917, il-purċissjoni bdiet issir il-Ħadd fuq it-3 ta' Mejju. Din il-prattika damet biss ftit snin għaliex fl-1921 il-purċissjoni reġgħet bdiet issir bħal qabel, jiġifieri fil-jum proprju tagħha.

Is-sena 1926 kienet is-Sena Ġubilari ta' meta nstab is-Salib. Dan il-Ġublew ġie estiż mill-Papa Piju XI għas-sena 1927. Fil-fatt, f'dik is-sena, il-Fratellanza tal-Kurċifiss, ipproponiet lill-Kapitlu biex għall-festa tas-Salib Imqaddes jiġi mistieden l-Arċisqof Caruana. Fil-fatt, fit-3 ta' Mejju 1927, l-Arċisqof Caruana mexxa l-purċissjoni. Għall-purċissjoni ta' dik is-sena, ħadu sehem il-Fratellanzi kollha tal-Isla, kif ukoll il-Banda Cittadina Queen's Own. Għall-okkażjoni kienet saret ukoll mixgħela tal-faċċata tal-Knisja u ta' Triq il-Vitorja.

Il-Festa tas-Salib, bħall-purċissjonijiet l-oħra kollha, ma saritx fl-eqqel tal-gwerra. Meta spiċċat il-gwerra, il-Fratellanza tal-Kurċifiss ħadet ħsieb biex mill-ġdid terġa' tibda torganizza l-Festa tat-3 ta' Mejju. Kien proprju fil-Festa tas-Salib Imqaddes tas-sena 1951 meta, wara ħafna taħbit u stennija twila, ġiet inawgurata niċċa, forma ta' kappella ċkejkna, fil-Ponta tal-Isla ddedikata lil Kristu Kurċifiss. Dak in-nhar, xbieha ta' Kristu Msallab maħduma fil-kartapesta minn Xandru Mallia, inġarret proċessjonalment mill-Knisja ta' San Filippu (li dak iż-żmien kienet qed taqdi l-ħtiġijiet ta' Parroċċa), għal Triq il-Vitorja, Triq San Mikiel u Triq is-Sur għall-Ponta. F'din il-purċissjoni kien ħa sehem il-Kapitlu tal-Kolleġġjata u l-kleru mmexxi minn Mons. Isqof Emmanuel Galea, Vigarju Ġenerali. Malwasla tal-purċissjoni fil-Ponta, il-Kurċifiss ġie mqiegħed fil-post imħejji għalih fuq artal u Mons. Isqof Galea, wara li għamel kelmtejn tal-okkażjoni, bierek in-niċċa. Tajjeb jingħad li din in-niċċa saret b'wegħda minn dawk is-Sengleani li fil-jiem u s-snin tal-gwerra, ma warrbux mill-Isla u li ġew skansati mill-konsegwenzi koroh u kefrin li ġraw fiha.

F'dan il-perjodu li fih l-Isla u niesha kienu qed jerġgħu lura għall-ħajja normali wara t-tħarbit tal-gwerra, u proprju ftit xhur wara li l-Knisja Bażilika ġiet ikkonsagrata mill-gdid,

fl-1958, Mons. Pietru Cavendish, Prelat Domestiku tal-Qdusija Tiegħu, irregala lill-Kapitlu tal-Isla relikwija prezzjuża ta' biċċa ċkejkna mis-Salib ta' Kristu. Din ir-relikwija, magħluqa f'ostensorju ta' valur kbir, flimkien ma' relikwiji oħra tal-Passjoni, fosthom waħda antika ħafna ta' biċċa oħra mis-Salib Imqaddes, huma miżmuma b'għożża u qima fil-Knisja tal-Isla. Tajjeb hawn jingħad ukoll li l-Bażilika Sengleana kellha x-xorti li tippreserva fiha teka insinji ta' ġebla żgħira mċappsa bid-demm prezzjuż tas-Sinjur tagħna Ġesù Kristu u li kienet ġiet meħuda mill-post tal-Flaġellazzjoni. Dan it-teżor imprezzabbli ġie rregalat lill-Kapitlu tal-Isla mill-istess Mons. Cavendish fl-1957. Dawn ir-relkwiji huma tabilhaqq mezz qawwi biex toktor l-imħabba tas-Sengleani lejn il-misteru Passjoni u s-Salib Imqaddes li fuqu Sidna Ġesù ta ħajtu għalina.

Sfortunatament, sena wara oħra, din il-festa bdiet sejra lura. Fil-fatt, fl-Isla, il-Festa tas-Salib Imqaddes saret għall-aħħar darba fis-sena 1978.

## Is-Salib: għelm mill-aktar setgħani

Għalkemm il-Festa tas-Salib Imqaddes m'għadiex issir, għalina li nemmnu, s-Salib xorta waħda jibqa' l-ikona tas-salvazzjoni tagħna. Venerazzjoni lejn is-Salib hija għalhekk, qima mogħtija lil Ġesù Kristu, il-Bniedem-Alla, li bata u miet, fuq dan l-istrument Ruman tat-tortura għall-fidwa tagħna mid-dnub u l-mewt. Is-Salib jirrappreżenta s-Sagrifiċċju uniku li permezz tiegħu, Ġesù, ubbidjenti "sal-mewt" *(Fil. 2, 8)*, wettaq is-salvazzjoni tagħna. Is-Salib huwa sommarju tal-Passjoni u l-Qawmien ta' Kristu - kollox fi xbieha waħda.

Is-Salib, minħabba dak li jirrapreżenta, huwa l-għelm l-aktar setgħani u s-sinjal l-iżjed mifrux tal-fidi Nisranija. Il-Kurċifiss, imqiegħed fil-Knejjes u fid-djar, fil-klassijiet ta' skejjel u ta' istituzzjonijiet Insara, jew milbus fuq il-persuna tagħna huwa tifkira kontinwa - u xhieda - tat-trijonf aħħari ta' Kristu, tar-Rebħa tiegħu fuq id-dnub u l-mewt permezz tat-tbatija u l-mewt fuq is-Salib.

Aħna niftakru fil-kelmiet tal-Mulej tagħna: "Min ma jerfax salibu u jimxi warajja ma jistħoqqlux li jkun miegħi. Min isib lil ħajtu, jitlifha; u min jitlef lil ħajtu minħabba fija jsibha." *(Matt. 10, 38-39)* Waqt li nimmeditaw fuq dawn il-kelmiet, aħna nitwaħħdu mal-ubbidjenza u mas-sagrifiċċju tiegħu u nifirħu li permezz ta' dan ir-rigal imprezzabbli, aħna għandna t-tama ta' salvazzjoni.

Xieraq ħafna għalhekk li f'dan il-jum tant għażiż tat-3 ta' Mejju, Jum is-Salib Imqaddes, inħarsu lejn is-Salib u flimkien mal-liturgija tal-Knisja, ngħidulu:

"Sliem għalik, O Salib, tama tagħna, Illum tfaħħrek kull qalb kull ilsien. Kun għat-tajjeb il-għajn ta' kull grazzja, Kun għall-ħati ta' maħfra u ħelsien."

**Referenzi:**

Bonnici, A., *L-Isla fi Ġrajjiet il-Bażilika Santwarju ta' Marija Bambina,* Vol. I (1981), Vol. II (1986), Vol. III (1991), Parroċċa tal-Isla, Malta.

Caruana, M. & Mangion, F., *Il-Ġimgħa l-Kbira fl-Isla,* Parroċċa tal-Isla, 2000. *Acta Capiularia Senglea,* 1915-1934.

Il-ġurnal Senglean *Invicta,* Nru. 11, Ottubru - Diċembru, 1956. Għamilt ukoll referenza għall-numru ta' siti fl-internet.